MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 145/2011

**A B f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' wlieda minuri K u O u b'digriet tad-29 ta' Settembru 2011 A B giet nominata bhala kuratrici ad litem tal-minuri K u O B**

**vs**

**1.C D D**
**2.Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi minn relazzjoni ntima bejn l-attrici u l-konvenut C DD li damet ghal madwar ghaxar (10) snin, twieldu fil-11 ta' Lulju 2000 l-minuri K, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u markat Dokument A u O fit-28 ta'

April 2002, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn ukoll anness u marka Dokument B li allura llum ghandhom ghaxar (10) u disa’ (9) snin rispettivament;

2. Illi l-attrici u l-konvenut C DD ma humiex mizzewgin;

3. Illi kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati “A” u “B” fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” hemm imnizzel, *“Unknown Father”*;

4. Illi fil-perjodu li twieldu t-tfal imsemmija, kif ukoll sa minn qabel u wara, l-attrici u l-konvenut C DD kienu jghixu flimkien ma wliedhom minuri;

5. Illi dawn it-tfal huma maghrufa minn kulhadd bhala wlied l-attrici u l-konvenut C DD, sahansitra l-istess C DD huwa ndikat bhala genitur flimkien ma l-attrici ma l-iskola li jattendu l-minuri, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza;

6. Illi madanakollu l-konvenut C DD, mistoqsi mill-attrici biex l-imsemmija minuri jitnizzlu ufficcjalment fic-certifikati tat-twelid u fid-dokumenti kollha relattivi bhala wliedu u ghalhekk jigi rikonoxxut bhala l-missier tal-minuri, huwa rrifjuta minghajr ebda raguni valida fil-Ligi;

7. Illi tenut dan kollu premess, l-minuri ma jippossjedux stat ta’ filjazzjoni konformi ma l-Att tat-Twelid taghhom;

8. Illi ghalhekk jinhtieg li ssir d-debita korrezzjoni fil-kolonna intestata, “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” jigi ndikat il-konvenut C DD bhala l-missier;

9. Illi dawn il-fatti huma maghrufa direttament mill-attrici;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Prevja kull ordni li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha taghti, tiddikjara li l-konvenut C DD huwa l-missier tal-minuri K u O imsemmija aktar il-fuq, u dana anke wara li din-istess Onorabbli Qorti joghgobha jekk jidhrilha mehtieg li tinnomina periti esperti;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Atti tat-twelid bin-numri 2575/2000 u 1656/2002 tal-minuri K u O rispettivament, fis-sens illi fil-kolonna intestata, "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier", fejn illum hemm indikat *"Unknown Father"* jitnizzel l-isem tal-konvenut C DD;

3. Tordna li l-kunjom tal-minuri "K" u "O" jigi registrat bhala "DD B" u fit-tieni lok tordna ukoll lir-Registratur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri u f'kull att iehor tal-istat civili tal-imsemmija minuri sabiex jigi indikat il-kunjom "DD B";

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament għallinqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri K u O skont id-dettami tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

2. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba attriċi l-esponenti jinvita lill-intimat C DD sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldu l-minuri K u O, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj met twieldu t-tfal K u O. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti K u O;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minuri K u O a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici fejn qieghda tikkontendi li frott tar-relazzjoni twila li hija kellha

mal-intimat, twieldu zewgt ulied minuri u cioe' K li twieled nhar il-11 ta' Lulju 2000[1] u O li twieled nhar it-28 ta' April 2002[2] izda c-certifikat tal-istess minuri jindika li l-missier mhux maghruf. Peress li l-istess intimat irrifjuta li jirrikonoxxi lill-imsemmija minuri bhala wliedu, l-attrici resqet il-kawza odjerna sabiex il-Qorti tiddikjara li l-minuri huma fattwalment ulied l-intimat u konsegwentement ic-certifikati rispettivi taghhom jibdew jirrispekkjaw tali fatt.

**Verzjoni tal-attrici**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat fis-sena 1999 u f'inqas minn sena, skopriet li kienet harget tqila mill-intimat. Kif l-intimat sar jaf b'din l-ahbar, il-partijiet iddecidew li jmorru jghixu flimkien u fil-fatt krew appartament. Ir-rikorrenti tghid li kienet l-ghazla taghha li l-intimat ma rrikonoxxiex lill-minuri K mat-twelid ghaliex hasbet li l-intimat seta' jihdilha t-tarbija u ghaliex hasset li kien kmieni wisq sabiex taghti l-kunsens taghha ghal dan il-ghan.Hekk kif il-partijiet sussegwentement marru jghixu mal-genituri tar-rikorrenti bil-hsieb li jixtru post bejniethom, ir-rikorrenti regghet harget tqila bit-tieni tarbija, O. Kien minhabba l-fatt li l-ewwel wild kien maghruf b'kunjom ir-rikorrenti u cioe' B li l-partijiet iddecidew li t-tieni wild jibqa' wkoll B u konsegwentement ma jigix rikonoxxut minn missieru. Imbaghad, fis-sena 2008 il-partijiet ma baqghux flimkien u kien f'dan iz-zmien li r-rikorrenti talbet lill-intimat sabiex jirrikonoxxi lil uliedu b'mod formali izda ghalkemm hi tikkontendi li qatt ma cahad li l-minuri huma wliedu, dejjem stqarr li ma kellux flus u li ma setax jaghmel pass bhal dan.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-RegistruPubbliku**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, u cioe' dik relatata man-nuqqas da parti tal-attrici li tintavola rikors appositu sabiex tkun mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri K u O B skond l-Artikoli

[1]Ara c-certifikat tat-twelid a fol 5 tal-process
[2]Ara c-certifikat tat-twelid a fol 6 tal-process

782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat il-5 ta’Settembru 2012 kif ukoll ghad-Digriet ta’ din l-istess Qorti datat ukoll id-29 ta’ Settembru 2012 fejn tali talba giet milqugha u ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni giet survolata.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghat-*test* tad-DNA esebit in atti u li permezz tieghu gie dikjarat li l-minuri huma ulied naturali ta’ C DD, liema test huwa prova xjentifika tal-paternita’ tal-istess minuri;

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghan-nota prezentata in atti mill-intimat C DD u li permezz taghha indika d-dettalji tieghu rikjesta mill-istess eccezzjoni u ghaldaqstant anke din l-istess eccezzjoni giet survolata;

Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tal-15 ta’ Frar 2012 fejn il-partijiet jiddikjaraw li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta’ DD kif ukoll ghar-rikors tal-attrici datat l-10 ta’ Mejju 2012 u li permezz tieghu talbet illi kunjom il-minuri ghandu jaqra DD B kif ukoll id-Digriet ta’ din il-Qorti datat is-6 ta’ Gunju 2012 fejn it-talba giet milqugha u ghalhekk jidher li anke din l-eccezzjoni giet survolata;

Illi in vista tax-xhieda prodotta u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex ikun hemm korrezzjoni fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jirrifletti l-verita’.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti  qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimat C DD huwa l-missier naturali tal-minuri K u O imsemmija aktar ‘il fuq;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjoni fic-certifikati tat-twelid bin-numri 2575/2000 u 1656/2002 tal-minuri K u O rispettivament b’dan illi l-kliem ‘missier mhux maghruf’ ghandhom jigu mhassra minn fuq l-istess certifikati u minflok jigu sostitwiti

bid-dettalji tal-intimat C DD u cioe' C DD bil-karta tal-identita' 288076M li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri K kellu 23 sena filwaqt li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri O 24 sena, iben Saviour DD bil-karta tal-identita' numru 544344M li ghadu haj;
(3) Tordna li kunjom il-minuri K u O jigi registrat bhala DD B u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa tali korrezzjoni fic-certifikati tat-twelid rispettivi taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------